MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2014

Talba Numru. 734/2012

**Mario Spiteri**
**Vs**
**Jansen Barbara**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-29 ta' Otturbu, 2012 fejn l-attur qal illi l-intimat ikommisjona lill-konvenut sabiex jaghmel xogholijiet relatati ma tarag fil-fond St Helen 19 Triq ir-Refugjati tal-Gwerra, Mosta proprjeta tal-intimat;

Illi l-intimat xolja l-appalt hekk konferit lill-esponenti u dan minghajr ebda raguni valida fil-ligi;

Illi l-intimat lahaq inkorra fi spejjez ghal dan l-appalt fl-ammont ta' mitejn u sebgha u ghoxrin u tmien centezmi (€227.08);

Illi minkejja li l-intimat gie interpellat sabiex jaffetwa l-hlas dovut lill-esponenti, l-intimat baqa inadempjenti;

Ghar-ragunijiet suesposti l-esponenti jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jikkundanna lill-intimat ihallas lill-esponenti is-somma ta' mitejn u sebgha u ghoxrin u tmien centezmi (€227.08) bl-ispejjez kontra l-intimat li hu

ngunt in subizzjoni u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv.
Wara li l-konvenut gie debitament notifikat huwa pprezenta r-risposta tieghu fid-29 ta’ Novembru, 2012 fejn eccepixxa illi t-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi kien l-attur Mario Spiteri li ha l-inizjattiva li jsir it-‘thazziz’ sabiex jigi ‘*aligned*’ it-tarag fil-fond 19 St Elena Triq ir-Refugjati tal-Gwerra, Mosta.
Illi l-attur kien wieghed lill-konvenut li kien ha jaghmel tajjeb hu ghall-ispejjez ta’ dan it-thazzizl.
Illi t-thazziz ma sarx skond l-arti u s-sengha. Illi l-konvenut qatt ma kkommisjona xi xoghol minghand l-attur u qatt ma dahal f’xi kuntratt ta’ appalt mieghu.
Illi t-talbiet tal-attur gia gew kategorikament respinti hekk kif evidenzjat mill-ittra mmarkata bhala Dok JB01.
Illi in vista tas-suespost it-talba tal-attur ghandha tigi michuda bl-ispejjez.
Xehed l-attur permezz ta’ affidavit fejn qal illi l-konvenut ikkomunika ieghu f’Lulju jew Awissu 2011 u ordna zewg sulari rham. L-attur spjegalhom illi l-procedura hija li l-attur jiehu lill klijenti tieghu jaraw l-irham ghand l-agent tieghu u wara li jarawh inizzel l-irham ghandu u jinbeda x-xoghol. Filfatt il-partijiet kienu marru jaraw l-irham u inghazel Perlato di Sicilia u l-konvenut awtorizza lill-attur biex inizzel il-materjal.
Gara illi meta nizel il-materjal dan kellu xpakkatura u l-*landings* peress illi kienu kbar ma kinux ser johorgu u kienu ser jinqasmu. Pero l-konvenut riedhom shah u riedu jbiddluh. F’dan il-kaz l-agent accetta li jiehu l-materjal lura. Sakemm wasal materjal iehor ghand l-agent, l-attur flimkien mal-*layer* tieghu marru jhozzu t-tarag. Meta l-agent wasallu x-xoghol telghu jarawh u l-konvenut ghogbu *Crema Unico light* u ftehmu li jahdmu lilu. L-attur infurmahom ukoll illi kien zewg liri maltin u cioe erbgha ewor u sitta u sittin centezmu (€4.66) oghola mill-Perlato di Sicilia. Wara li l-attur nizzel il-materjal u cempel lill-konvenut biex jaghmlu ftehim u jhalli deposit dan irrispondieh *‘We’re not interested anymore.’*
Peress illi l-materjal lahaq nizel l-attur lahaq ghamel spejjez ghat-trasport u ghalhekk qed jitlob il-hlas tat-trasport flimkien ma hamsin ewro (€50) ghax-xoghol ta’ thazziz tat-tarag.

In kontro ezami l-attur ikkonferma illi l-konvenut ried illi x-xoghol jitlesta sa l-ahhar ta’ Awissu minhabba li kellu xi ezamijiet. Qal ukoll illi hu dejjem nizzel ix-xoghol ghandu qabel jidhol ghal kuntratt ghax ma jistax jintrabat li jahdem xoghol li ma jkunx ghadu ghandu. Qal illi l-ahhar darba qabel telqu l-ftehim kien illi jnizzel ix-xoghol u jidba’ jahdem. Jikkonferma pero illi la kellu depozitu u lanqas kien iffirma l-kuntratt.

Xehed il-konvenut permezz ta’ affidavit fejn spjega illi hu flimkien mal-mara tieghu kienu marru jaraw l-irham f’Gunju 2011 u riedu l-irham ikun lest sal-bidu ta’ Settembru 2011. Kienu marru ghand l-attur u raw l-irham Perlato Sicilia u l-attur kien qalilhom biex imorru ghand il-bejjiegh tieghu halli jaraw il-folji kollha u wara jaghmlu l-kuntratt. L-attur kien qalilhom illi minghajr il-kuntratt la kien jixtri u lanqas inizzel il-folji minghand il-bejjiegh ghaliex ma riedx jiehu riskju.

Il-konvenut kien ghamilha cara illi ried jara l-kuntratt qabel jikkommetti ruhu u nfurmah ukoll bl-importanza taz-zmien u cioe li x-xoghol jitlesta sal-bidu ta’ Settembru. Minkejja li tawh il-qisien tat-tarag l-attur kien insista illi jkejjel it-tarag halli jkun jista johrog stima u filfatt hekk sar. Wara li fis-16 ta’ Lulju, 2011 kien marru ghand il-bejjiegh jaraw il-folji u ghogbuhom kienu ftehmu illi kellhom jaraw il-kuntratt halli jekk jaqblu l-attur kellu jnizzel il-materjal ghandu. L-attur kien qalilhom ukoll illi ried il-hlas tal-irham kollu f’idejh halli ma jiehu ebda riskju.

Wara ftit granet kien cemplilhom l-attur u nfurmahom illi l-materjal ma setax jahdem bih peress illi kien ha jitlef hafna materjal minnu u qalilna biex nistennew konsenja ohra tal-materjal pero ma setax  itina data ta’ meta kien ser jasal pero qal illi daqt jasal. F’dan il-perjodu l-attur kien qal lill-konvenut illi ahjar jibghat lil min ihazzez it-tarag minhabba li daqt kien ser jieqaf bis-*shut down*. Il-konvenut kien infurmah illi minkejja dan huma ma kienux ghadhom marbutin mieghu peress illi kien fadlilhom jaraw l-irham u l-kuntratt. Fil-bidu ta’ Settembru l-attur kien ikkommunika mal-konvenut u qallu li kien wasal ix-xoghol. Pero qal ukoll illi l-materjal rega ma kienx ta kwalita tajba u meta marru ghandu staqsihom jekk ridux jaraw xi irham iehor. Filfatt regghu telghu jaraw l-irham izda l-irham illi kellu kien fi tlett kuluri u ma ghogobhomx. L-attur kien issuggerixxa

wkoll illi t-tarag isir minnu u s-sollijiet isiru mod iehor. Haga li wkoll ma ghogbitx lil konvenut. Dan il-materjal kien ukoll zewg liri maltin u cioe erbgha ewro u sitta u sittin centezmu (€4.66) ogholi mil-Perlato di Sicilia.
Il-konvenut kien qallu li issa z-zmien kien ghadda u ma setax jistenna iktar u kien dizappuntat ferm illi l-attur ma kienx qallu mill-ewwel illi ma kienx ser jaqdih sal-bidu ta' Settembru.
Hawnhekk il-konvenut flimkien mal-mara tieghu ddecieda illi jaghmel l-irham ghand hanut iehor. L-irham il-gdid kien ferm iktar oghola pero kien tal-kwalita tajba u kollox sar mill-istess materjal. Meta kienet marret il-persuna li kienet ser twahhal it-tarag kienet staqsiet min kien hazzez it-tarag peress illi ma kienx tajjeb u kellha terga taghmlu.
F'nofs Ottubru kien cempel pero l-konvenut spjegalu li ma riedux jahdem ghandu u kien hawn illi l-attur beda jghajjat u qallu li kien diga ordna l-irham u li issa l-irham kien tal-konvenut. Il-konvenut fakkar lill-attur li hu qatt ma kkonfermalu li ghogbu l-irham il-gdid u lanqas ma kienu ffirmaw il-kuntratt.
F'Dicembru 2011 kien il-konvenut ircieva ittra minghand l-avukat tal-attur datata 21 ta' Ottubru, 2011 u wegibha dak inhar stess.
Il-konvenut spejga illi huwa soffrew spejjez minhabba d-dewmien tal-attur peress illi huma hargu mid-dar sakemm isir ix-xoghol tat-tarag u sakemm isiru xogholijiet ohra fid-dar u peress illi damu wehlu f'iktar spejjez.
Xehed Jimmy Gauci li huwa l-agent tal-attur u kkonferma illi jaf li l-konvenut kien mar mal-attur biex jara xi materjal minghandu. Qal ukoll illi l-materjal intghazel u kkonsenjah lill-attur u li tieghu thallas kollox. In kontro ezami dan ix-xhud qal illi jaf li l-konvenut mar izjed minn darba u jaf ukoll illi l-ewwel materjal kellu difett naturali u regghu telluh lura. Jaf ukoll illi meta marru ghandu kienu qablu fuq il-*Crema Unika Light.*
Xehdet Marouska Cilia Barbara permezz ta' affidavit li kkonfermat dak kollu li xehed zewgha Jansen Barbara.
Mix-xhieda u mid-dokumenti pprezentati jidher illi l-konvenut mar ghand l-attur biex jordna l-irham tat-tarag. Meta l-konvenut beda jistaqsi sabiex isirlu x-xoghol mill-ewwel ghamilha car tal-kundizzjonijiet li ried u cioe li x-xoghol kellu jitlesta sal-bidu ta' Settembru u li t-tarag ikun

mill-istess materjal tas-sollijiet. Jidher illi bl-ewwel irham kien hemm problema u kellu jintghazel irham iehor. Kien hawnhekk illi nqalghet il-problema jekk il-konvenut awtorizzax lill attur sabiex jipprocedi bix-xoghol tieghu bl-irham il-gdid.

Il-partijiet qablu li kuntratt ta' xogholijiet ma kienx hemmx ghadu gie ffirmat u ghalhekk it-Tribunal isibha difficli biex jaqbel mal-attur illi l-proceduri tieghu hija li jiffirma l-kuntratt wara li jkollu x-xoghol ghandu. Li kieku qal illi jghati xi depozitu lill- agent tieghu fuq dak l-irham jew jghidlu biex jerfahhulu sakemm jiffirma l-kuntratt iva allura dak jaghmel sens imma li jnizzel ix-xoghol ghandu qabel depozitu minghand il-klijent u qabel ma jigi ffirmat kuntratt allura l-attur qed jiddecidi li jiehu riskju.

Mill-provi migjuba gie ppruvat illi kien hemm qbil assolut u nghatat il-*go ahead* biex jinbeda x-xoghol meta gie maghzul l-ewwel irham il-*Perlato di Sicilia* li pero l-attur ma setax jahdmu minhabba li kien fih difett naturali li kien ser ihalli hafna hela u li ma kienx *worth it* jinhadem. Izda rigward it-tieni irham ma hemmx qbil illi intaghzel u ntghogob.

L-attur kien imissu mat-tieni darba zamm depozitu jew gie iffirmat kuntratt qabel nizzel ix-xoghol minghand l-agent.

Fir-rigward tat-thazziz tat-tarag ma jidhirx illi l-konvenut uza dan it-thazziz biex iffranka xi haga minghand min hadimlu t-tarag ezistenti llum anzi jghid illi kellu jerga jhozzu ghaliex kien hazin. Il-fatt illi l-attur mar ihazzez it-tarag u imbaghad it-tarag spicca ma ghamlux ma kienx tort tal-konvenut ghaliex huma kienu ghazlu l-*Perlato di Sicilia*, l-fatt li kien fih xpakkatura jew li l-agent ma regax gab bhalu mhux tort tal-konvenut. Li kieku l-agent kellu *Perlato di Sicilia* u l-konvenut iddecida li ma jkomplix bix-xoghol allura l-attura kien ikollu ragun izda l-konvenut ma jistax jigi mgieghel jiehu irham iehor li ma ghogbux sempliciment ghax l-agent ma kellux bhal dak li ghazlu.

Imbaghad hemm ukoll il-kwistjoni taz-zmien. Il-konvenut kien ghamilha cara mill-bidu nett illi t-tarag riedu lest sal-bidu ta' Settembru 2011, t-Tribunal ma jistax jifhem kif l-attur ippretenda illi jkompli bix-xoghol meta f'nofs Ottubru meta cempel lill-konvenut kien ghandu lanqas inbeda.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddecidi billi jichad it-talbiet attrici u jilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut.

Bl-ispejjez tal-kawza jithallsu billi kull parti thallas l-ispejjez taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------